

- il-qorti, għal raġunijiet gravi u eċċezzjonali, tista' teskludi r-rimbors tas-somom sostnuti mill-parti rebbieħa fir-rigward tal-kumpens imħallas lill- medjatur u tal-ispjeż ta' espert, anki meta s-sentenza mogħtija fi tmiem il-kawża ma tikkorrispondix kompletament mal-kontenut tal-proposta;
- il-qorti għandha tikkundanna lill-parti li ma pparteċipatx fil-proċedura ta' medjazzjoni mingħajr ġustifikazzjoni tħallas lit-Teżor tal-Istat somma li tikkorrispondi għall-kontribuzzjoni unifikata dovuta fir-rigward tal-proċeduri,;
- il-medjatur jista', jew anki għandu, jifformula proposta ta' konċiljazzjoni anki mingħajr il-qbil tal-partijiet u anki f'każ ta' nuqqas ta' parteċipazzjoni tal-partijiet fil-proċeduri;
- it-terminu li fih għandu jintemm it-tentattiv ta' medjazzjoni jista' jkun ta' erba' xhur;
- anki wara l-iskadenza tat-terminu ta' erba' xhur mill-bidu tal-proċedura, kawża tista' titressaq biss wara li jinkiseb, mingħand is-segretarjat tal-korp ta' medjazzjoni, rapport li jstabbilixxi nuqqas ta' qbil, redatt mill-medjatur u li jindika l-proposta miċħuda;
- ma huwiex eskluż li l-proċeduri ta' medjazzjoni jistgħu jimmultiplikaw — u b'hekk jiġu mmultiplikati t-termini sabiex jintmemu l-kawżi — bl-istess mod bħat-talbiet leġittimament imressqa fil-kuntest tal-proċeduri li sadanittant ikunu nbdew;
- l-ispiża tal-proċedura ta' medjazzjoni obbligatorja hija mill-inqas darbejn ogħla minn dik tal-proċeduri ġudizzjarji li l-proċedura ta' medjazzjoni tipprova tevita u din id-differenza tiżdied b'mod esponenzjali hekk kif jiżdied il-valur tal-kwis-tjoni (b'mod li l-ispiża tal-medjazzjoni tista' tirriżulta sitt darbiet ogħla mill-ispiża ta' proċess ġudizzjarju) jew hekk kif tiżdied il-kumplessità tagħha (meta jkun neċessarju, f'dan l-aħħar każ, li jinħatar espert, imħallas mill-partijiet fil-proċedura, sabiex jassisti lill-medjatur fi kwistjonijiet li jirrikjedu hillet tekniċi speċifiċi, mingħajr ma r-rapport tal-espert jew l-informazzjoni li huwa jkun stabbilixxa jistgħu sussegwentement jintużaw fil-kuntest tal-proċeduri legali)?

**Appell ippreżentat fit-23 ta' Settembru 2011 minn United Technologies Corp kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Lulju 2011 fil-Kawża T-141/07, United Technologies Corp. vs Il-Kummissjoni Ewropea**

(Kawża C-493/11 P)

(2011/C 347/26)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Appellanti: United Technologies Corp. (rappreżentanti: A. Winckler, avukat, J. Temple Lang, solicitor, C. J. Cook, avukat u D. Gerard, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet tal-appellanti**

- tannulla s-sentenza appellata;
- abbażi tal-elementi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha disponibbli, tannulla parzjalment id-deċiżjoni kkontestata u tnaqqas l-ammont tal-multi ffissati fiha jew, jekk hija tqis li huwa xieraq, tannulla s-sentenza appellata u tirrinviya l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali għal eżami mill-ġdid tal-fatti rilevanti;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż ta' din l-istanza kif ukoll tal-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Permezz tal-ewwel aggravju tagħha, l-appellanti tikkontesta l-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali li tipprovdi li l-Kummissjoni kienet intitolata li tattribwixxi r-responsabbiltà lil UTC għall-prattiki ta' GTO u tas-sussidjarji ta' Otis. Dan l-aggravju huwa maqsum fi tliet partijiet. Fl-ewwel parti tiegħu, il-Qorti Ġenerali wettqet difett sostanzjali billi naqset milli tikkonforma ruħha mat-test legali pprovdut għall-konfutazzjoni ta' imputabbiltà li tirriżulta minn sehem ta' 100 % fil-kapital ta' sussidjarji minn kumpannija parent. It-tieni nett, l-interpretazzjoni tal-Qorti Ġenerali tat-test legali għall-konfutazzjoni tal-preżunzjoni ta' imputabbiltà tikser il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. It-tielet nett, il-Qorti Ġenerali naqset milli timmotiva b'mod suffiċjenti r-raġunijiet preċiżi ta' konfutazzjoni tal-preżunzjoni ta' responsabbiltà kif imqajma mill-appellanti.

Permezz tat-tieni aggravju, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali naqset milli tipprovdi motivazzjoni xierqa u wettqet żball peress li naqset milli teżamina l-ilment ta' UTC dwar ksur tat-trattament ugwali fil-konfront ta' MEC.

(<sup>1</sup>) ĠU L 136, p. 3.